MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 220/2014

**GO p.l.c.**

**vs.**

**George Micallef K.I. 66263(M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-25 ta’ Marzu 2014, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta’ tmien mija u tmienja u tmenin Ewro u tmintax –il ċenteżmu (€888.18) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 40145515*, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' tmien mija u tmienja u tmenin Ewro u tmintax –il ċenteżmu (€888.18), bl-imgħax legali dekorribbli mill-25 ta' Marzu 2014, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------